**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## KONTRA T-TIXRID TAL-MARD

Kif nafu lkoll, bħalissa inxterdet ħafna l-influwenza. Hu importanti ħafna li nieħdu l-miżuri kollha biex nevitaw dak kollu li b'xi mod jista' jxerred il-mard, speċjalment fejn jinġabru numru kbir ta' nies bħall-knejjes jew swali tal-knisja.

Għalhekk, min jiċċelebra l-Quddiesa għandu jassigura ruħu li jkun iddiżinfetta jdejh sewwa qabel ma tibda l-Quddiesa u, f'każ ta' bżonn, qabel jibda jqarben. L-istess il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, kif diġà hi drawwa regolari, għandhom jassiguraw li jiddiżenfettaw idejhom qabel ma jqarbnu.

Nagħmlu lkoll ħilitna biex nevitaw it-tixrid tal-mard. Nitolbu għal dawk kollha li bħalissa huma morda u wkoll għal dawk li qed jikkurawhom u jduru bihom kemm fid-djar kif ukoll fl-isptarijiet biex il-Mulej jagħtihom l-għajnuna li jeħtieġu.

## TALB GĦAX-XITA

Qed jinħass ħafna n-nuqqas ta' xita, u numru ta' bdiewa u persuni oħra wrew ix-xewqa li nitolbu għax-xita, li hi tant meħtieġa.

Tkun ħaġa f'waqtha li nqiegħdu quddiem il-Mulej it-talba tagħna biex ikollna xita fejjieda, f'ħinha u u f'waqtha, li tagħmel il-gid.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, il-Furjana, illum 8 ta' Jannar 2018.

Kanċillier | Vigarju Ġenerali